MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 747/2007

**Talba Nru: 747/07PBC**

**Bonnici, Edwards & Company Limited (C262)**

**Vs**

**John u Carmen konjugi Fenech (Numri tal-Karta ta' l-Identita' rispettivi 183259M u 208361M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' disa' mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin Euro cents (€931.75) - (Lm400) bl-imghax u bl-ispejjez u dan abbazi ta' zewg

kambjali ta’ l-ammont ta’ erba’ mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin Euro cents (€465.87) - (Lm200) ‘il wahda, t-tnejn datati 3 ta’ Novembru, 2000 iffirmati u accettati mill-konvenuti favur is-socjeta’ attrici fejn l-ewwel kambjala li ghandha n-numru 23 skadiet fit-3 t’Ottubru, 2002 u t-tieni kambjala li ghandha n-numru 24 skadiet fit-3 ta’ Novembru, 2002 liema zewg kambjali qeghdin jigu annessi u mmarkati bhala Dok. A u Dok. B rispettivament.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-bilanc mitlub mis-socjeta’ attrici jirrapprezenta zewg *gas blowers* mixtrija mill-konvenuti liema *gas blowers* gew sussegwentement ikkonsenjati mill-konvenuti lis-socjeta’ attrici specifikatament ghat-tiswija pero’ s-socjeta’ attrici qed tirrifjuta li tirritorna lill-istess konvenuti u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Illi l-konvenuti pprezentaw ukoll Kontro-Talba fejn talbu lis-socjeta’ attrici tigi kkundannata thallashom is-somma ta’ elfejn, seba’ mija u hamsa u disghin Euro u hamsa u ghoxrin Euro cents (€2,795.25) - (Lm1,200) rapprezentanti l-valur ta’ zewg *gas blowers* li gew ikkonsenjati mill-konvenuti lis-socjeta’ attrici specifikatament ghat-tiswija liema *gas blowers* qatt ma gew irritornati lill-istess konvenuti.

Ra d-digriet tat-13 ta’ Novembru, 2007 li bih it-Tribunal ordna li l-ordni tal-provi tigi nversa.

Ra li l-konvenuti naqsu milli jipproducu l-ebda provi u li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi z-zewg kambjalijiet mertu tat-talbiet attrici huma skaduti. Il-kambjalijiet originali gew esebiti fl-atti tal-kawza. Il-konvenuti m’humiex qeghdin jikkontestaw li dawn il-kambjalijiet huma dovuti.

Illi ghalhekk it-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha.

Fir-rigward tal-Kontro-Talba, ma gew prodotti l-ebda provi u f'dan ir-rigward it-Tribunal jidhirlu illi jkun xieraq u opportun illi tillibera lis-socjeta' attrici mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tal-Kontro-Talba.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta'disa' mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin Euro cents (€931.75) li huma ekwivalenti ghal erba' mitt lira Maltin (Lm400). Bl-imghax fuq nofs dan l-ammont b'effett mit-3 t'Ottubru, 2002 u n-nofs l-iehor mit-3 ta' Novembru, 2002.

Ghar-rigward tal-Kontro-Talba t-Tribunal qieghed jillibera lis-socjeta' attrici mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez tal-kawza u tal-Kontro-Talba huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------